# NHAR L-AKKADEMJA F'ĠIEH IL-WISQ REV. MONS. C. PSAILA

## (DUN KARM)

2 ta' Lulju, 1944.

*Ta'* Albert M. Cassola

Il-friegħi tiegħek hawn, Dun Karm, ħaddara;
Kollha mdawrin maz-zokk li jsus felħan:
Il-lejla ngabret din il-kotra bl-għan
Li tqim Poëta u Saċerdot ta' ħrara.

Int fit-tinwib tal-fergħat tiegħek tara
It-torċa tixgħel bl-iżjed nar setgħan
Tal-Poëżija mżejna bir-raħan!
U nistqarruh bis-sedq bħal fl-aħħar qrara

Li ridt tkun Int biex tqajjem mill-imwiet
L-Ilsien li diem midfun għal snin bla għadd
Fil-qabar fejn bla sabar żamm is-skiet—

Sakemm, sakemm bi nkejja ta' kullħadd
Raddejt l-Ilsien, mistejqer, lill-ulied!
Neżżajtlu l-kefen, tajtu l-ilbies tal-Ħadd!